

# Il-Leġġenda fil-Folklor

GUIDO LANFRANCO

*Għad hawn ħafna taħwid popolari dwar xi tkun il-leġġenda u xi tkun il-ħrafa. Se naqbadha fuq il-leġġendi għax il-Mosta nassoċjawha ma' leġġendi interessanti u sbieħ, li fl-istess ħin jagħtuna l-okkażjoni biex hawn niddistingwu d-differenza ta' bejniethom. Sadattant irridu ngħidu li l-ħrejjef u l-leġġendi huma wirt folkloristiku orali, jiġifieri jitnissel mill-fomm għall-widna. Għalkemm il-qalba prinċipali tagħhom tibqa' l-istess, biż-żmien ikollhom verżjonijiet varjanti, għax billi l-folklor orali ma kienx jinkiteb, ir-repetizzjoni ma kinetx xi formola li jirrepetuha kelma b'kelma. Dan jiġri l-istess fil-qwiel u l-ħaġa moħġaġa li kemm-il darba jkollhom varjanti skond il-post fejn nisimgħuhom u l-persuna li tgħidhom, għalhekk meta xi ħadd jgħidilna l-ħaġa moħġaġa, l-qawl, il-ħrafa jew il-leġġenda li mhix eżattament kif nafuha aħna, m'għandniex ngħidu li qed jgħid ħażin, imma li qed jgħid varjanti.*

*Meta l-bniedem ivvinta l-mezzi ta' l-istampa, l-istudjużi bdew joħorġu kitbiet li fihom kienu jiġbru l-għajdut, l-għana, l-ħrejjef u l-leġġendi popolari li qabel kienu dejjem orali, u bosta minnhom laħqu ntesew u ntilfu. Fi żmienna dawn nirrepetuhom mill-kitba, imma dari kien kollox fil-fomm. Dawn it-tradizzjonijiet orali jiffurmaw il-bażi tal-folklor, għax fit-tifsira tagħha, il-kelma 'folklor' tfisser litteralment 'għajdut il-poplu', u l-poplu ta' dari ma kienx jaf jikteb u jaqra.*

*L-ewwelnett ngħidu li l-ħrejjef ikunu qlajjiet assurdi jirrakkontaw storja li fil-ħajja żgur ma tistax isseħħ, u jkunu dejjem frott il-fantasija. Imma l-bniedem jieħu gost bil-fantasija, għax għal ftit mumenti, bl-immaġinazzjoni tiegħu jidħol f'dinja li kieku kulħadd jieħu gost jgħix fiha. F'diversi ħrejjef nisimgħu bil-ġeni li joħorġu minn fliexken, lampi, u jidhru f'postijiet oħra, dejjem lesti biex jaqalgħu kull xewqa li jitolbuhom. Nisimgħu b'rejjiet, prinċpijiet u prinċipessi u b'diversi provi li wieħed ikollu jgħaddi minnhom biex jilħaq ir-rebħa, jeħles lil xi ħadd imjassar jew isib l-imħabba jew xi teżor. Nisimgħu dwar Ali Baba, Alladin, Snow White, Cindirella, u bosta oħrajn li fosthom hemm dawk li oriġinaw bħala ħrejjef tradizzjonali ta' xi pajjiż u nxterdu mad-dinja għax intgħoġbu, oħrajn inħolqu reċentement biex jagħtu pjaċir mhux biss lit-tfal, imma wkoll lill-adulti. Stejjer bħal dawn huma kollha ħrejjef.*

*Għalkemm il-karatteristika priċipali tal-ħrejjef hi li huma kollha assurdi u frott il-fantasija hemm punti oħrajn li jidħlu fid-definizzjoni ta' ħrafa. Il-ħrejjef tista' tgħid li qatt ma jkunu qosra, fuq xi punt wieħed, imma dejjem fit-tul u ġieli jtawwluhom aktar. Mhux biss, imma l-ħrejjef jinxterdu ma' bosta pajjiżi, għax jintgħoġbu u jibqgħu jingħadu għal żmien twil.*

*Imma l-leġġenda hi ħaġa oħra. Tista' tkun fantastika, tista' tkun realistika, u tista' tkun ukoll storja vera. Il-kelma leġġenda ma tfissirx qlajja' jew ħrafa. Litteralment tfisser spjegazzjoni jew tifsira ta' xi ħaġa li tista' tkun persuna, binja, aspett min-natura jew mill-istorja. Kemm-il darba insibu l-kelma leġġenda (jew* legend *bl-Ingliż) taħt xi mappa, ritratt jew disinn, l-aktar f'pubblikazzjonijiet ta' l-imgħoddi li tabilħaqq ma tkun xejn aktar ħlief tindika l-*caption *jew il-kliem li jfisser dak li jkun qed jidher stampat. Ukoll fil-folklor, il-leġġenda hija tifsira popolari dwar xi avveniment, bniedem, annimal, u aspetti oħra tal-ħajja.*

*Il-karatteristika prinċipali tal-leġġenda hi li tkun tifsira, imma l-leġġenda tkun ukoll qasira bi ftit kliem li jfissru s-suġġett u importanti wkoll li l-leġġenda ma tkunx mifruxa mad-dinja kollha, jekk ma tinzertax tkun dwar suġġett magħruf kullimkien. Leġġendi li jinxterdu mad-dinja jkunu, ngħidu aħna, bħal dawk assoċjati ma' diversi aspetti tal-Milied, l-għadma tat-tamla, il-mogħża fil-għar, is-sider aħmar tal-pitirross, il-ħalliel it-tajjeb u oħrajn popolari bħal dawn. Imma l-leġġendi dwar ġrajjiet, persuni, binja ta' kull pajjiż ikollhom x'jaqsmu biss ma' dak il-pajjiż.*

*Fost leġġendi Maltin u Għawdxin għandna bosta li jfissru xi ħaġa dwar xi niċċa bħal meta ngħidu li San Pawl tas-Saqqajja ħariġlu d-dmugħ, dwar xi knisja ċkejkna bħal dik tal-Minsija jew ta' L-Isperanza u San Pawl Eremita bil-għerien tagħhom kif ukoll taż-Żellieq, tal-Għargħur, taż-Żejt u ta' San Dimitri f'Għawdex, xi ħofra bħal tal-Maqluba, xi għar bħal dak ta' Għar Ħasan, xi ġebla kbira bħal dik tal-Qala, dwar l-għoġol tad-deheb f'Għawdex, dwar San Pawl u l-għajn ta' l-ilma, dwar San Luqa li jgħidu li pinġa l-Madonna, jew xi ġrajja bħal meta San Pawl, San Ġorġ u Sant'Agata deheru fuq is-swar biex jagħmlu l-kuraġġ lill-Maltin u lill-Għawdxin waqt assedju u l-kumplament. Hawn ta' min jgħid li 'l hekk imsejħa leġġendi ta' Patri Delia m'humiex hekk fis-sens folkloristiku, u t-tul li fihom juri li ma jidħlux f'din il-kategorija li qed nitkellmu dwarhom aħna.*

*Madankollu wkoll jekk avveniment ikun parti mill-istorja u nsibu dokumenti li jsostnuh bħalma jingħad għall-knejjes ta' San Ġwann ta' Baħar iċ-Ċagħaq,*



Santu Kristu ta' Ħal Għaxaq u oħrajn, it-tifsira tagħhom tibda tissejjaħ leġġenda jekk tibqa' tingħad bħala għajdut popolari, jew fi kliem ieħor meta taqa' f'ħalq il-poplu u jibqa' jgħidha mingħajr ma jaqra dwarha. Bħal meta nsemmu l-Għarusa tal-Mosta, jew meta jissemma' La Valette u l-Assedju l-Kbir li għandhom bażi storika magħrufa, imma l-poplu jmexxihom minn ġenerazzjoni għal oħra, u b'hekk ngħidu li jkunu saru leġġendarji.

Mela leġġenda ma jgħoddx jekk hix vera jew le, għax m'għandhiex x'taqsam mal-ħrejjef. Vera jew le, sakemm tagħti tifsira kif semmejna, permezz ta' l-għajdut tal-poplu, dik hija leġġenda, u kull ħaġa storika li tispiċċa f'ħalq il-poplu issir leġġendarja.

Minn dak li rajna, għalkemm ħrejjef jingħadu ħafna bil-Malti, imma mhux bilfors tgħidilhom Maltin, għax daħlu minn artijiet oħra u jekk ma baqgħux kif kienu għax ġew modifikati lokalment. Imma leġġendi Maltin u Għawdxin oriġinaw f'artna għalhekk, differenti mill-ħrejjef, għandhom rabta aktar intima magħna.

***Il-Knisja ta' l-Isperanza fil-Mosta marbuta mal-leġġenda bl-istess isem***

